**Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni – Id-dimensjoni lokali u reġjonali tal-ekonomija kollaborattiva**

(2016/C 051/06)

**Relatur:** Benedetta BRIGHENTI (IT/PSE), Viċi sindku tal-Muniċipalità ta' Castelnuovo Rangone, Provinċja ta' Modena

**RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**

Il-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

1. jaħseb li l-ekonomija kollaborattiva tibni fuq xejriet soċjali ġodda jew li reġgħu tfaċċaw li għandhom implikazzjonijiet ta' negozju, legali u istituzzjonali importanti: il-prattiki soċjali ta' qsim, kollaborazzjoni u kooperazzjoni. Minħabba n-natura dinamika u innovattiva tiegħu, il-kunċett ma jistax jiġi finalment definit. Madankollu jinkludi fenomeni li jippreżentaw il-karatteristiċi li ġejjin:

i. l-aġenti prinċipali tiegħu ma jaġixxux bl-istess mod bħalma normalment huwa mistenni mill-mudelli ekonomiċi klassiċi (jiġifieri l-hekk imsejjaħ "homo oeconomicus"); dan ma jfissirx li ma jistgħux ikunu razzjonali u jaġixxu b'mod determinat sabiex jilħqu l-għanijiet tagħhom;

ii. l-ekonomija kollaborattiva tadotta approċċ ta' pjattaforma li permezz tiegħu r-relazzjonijiet, ir-reputazzjoni u l-fiduċja soċjali u motivi mhux ekonomiċi oħrajn fi ħdan komunità jsiru wieħed mill-muturi ewlenin;

iii. l-ekonomija kollaborattiva tagħmel użu intensiv u fuq skala kbira ta' teknoloġiji diġitali u ġbir tad-data. Id-data ssir materja prima ewlenija. L-ispejjeż fissi huma fil-biċċa l-kbira esternalizzati;

iv. fuq skala iżgħar u lokali, xi inizjattivi tal-ekonomija kollaborattiva jistgħu jkunu limitati għal użu komuni jew il-ġestjoni ta' assi fiżiċi (eż. spazji ta' ħidma konġunta, "commons" urbani, eċċ.) jew għal forom ġodda ta' attivitajiet bejn il-pari, xi kultant fil-livell tat-triq jew ta' bini, is-sistemi ta' protezzjoni soċjali;

v. l-ekonomija kollaborattiva tista' tiġi organizzata skont mudelli msejsa kemm fuq il-prinċipji tas-suq kif ukoll fuq dawk soċjali;

2. jinnota f'dan il-kuntest li l-Kummissjoni Ewropea tuża t-terminu ta' "ekonomija kollaborattiva" minflok "ekonomija ta' kondiviżjoni" u għamlet l-ewwel sforz fil-Komunikazzjoni reċenti tagħha dwar "Naġġornaw is-Suq Uniku" ([1]) biex tiddefinixxi l-kunċett kif ġej: "l-ekonomija kollaborattiva, ekosistema kumplessa ta' servizzi on-demand u l-użu temporanju tal-assi bbażati fuq l-iskambji minn pjattaformi onlajn, qed tiżviluppa malajr. L-ekonomija kollaborattiva twessa' l-għażla u traħħas il-prezzijiet għall-konsumaturi u tipprovdi opportunitajiet ta' tkabbir għan-negozji l-ġodda u għall-kumpaniji Ewropej eżistenti li jkunu innovattivi, kemm f'pajjiżhom kif ukoll lil hinn mill-fruntieri. Din iżżid l-impjiegi u l-benefiċċji tal-impjegati għax tippermetti skedi flessibbli, mill-impjiegi mikro mhux professjonali sal-intraprenditorija part-time. Ir-riżorsi jistgħu jintużaw b'aktar effiċjenza u b'hekk jiżdiedu l-produttività u s-sostenibbiltà". Fil-fehma tal-KtR, madankollu, din id-definizzjoni tiffoka fuq l-aspetti kummerċjali u tal-konsumatur tal-ekonomija ta' skambju (jew kollaborattiva) filwaqt li twarrab approċċi mhux kummerċjali u dawk msejsa fuq il-komuni. Għalhekk jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tanalizza aktar, u aktar 'il quddiem tiddefinixxi l-forom differenti tal-ekonomija kollaborattiva (li parti minnha tappartjeni għall-ekonomija soċjali);

**L-ekonomija kollaborattiva bħala mudell għal bidla**

3. jenfasizza li ħafna jqisu li l-attur prinċipali tal-ekonomija kollaborattiva m'għadux il-"konsumatur" li jixtieq jixtri xi ħaġa jew servizz, iżda minflok ċittadin, persuna komuni, utent, produttur, kreatur, disinjatur, ħaddiem kollega, artiġjan diġitali, bidwi urban, li jkunu qegħdin ifittxu aċċess għal servizz jew assi meħtieġ biex jissodisfa ċerti ħtiġijiet;

([1]) COM(2015) 550, p. 3.

4. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li oħrajn madankollu jsostnu li l-attur tal-ekonomija kollaborattiva huwa wkoll persuna lesta taġixxi u tieħu ħsieb, tiġġestixxi, tiġġenera jew tiġġenera mill-ġdid riżorsa komuni b'aċċess miftuħ, materjali jew immaterjali, mingħajr l-intermedjazzjoni ta' provveditur pubbliku jew privat, fuq livell ta' skala żgħira bejn il-pari, minn individwu għal individwu. B'hekk, fl-ekonomija kollaborattiva, l-attur m'huwiex sempliċi “attur ekonomiku”. Jista' jkun attur soċjali, jew personali jew ċiviku li għalih il-motivi ekonomiċi tradizzjonali huma sekondarji jew kompletament nieqsa. Xi wħud mill-isferi tal-ekonomija kollaborattiva mhumiex neċessarjament “ekonomiji” fis-sens strett, iżda komunitajiet soċjali u netwerks ta' kollaborazzjoni li jiġġeneraw attivitajiet ekonomiċi ġodda jew iwettqu funzjoni fir-rigward ta' attivitajiet ekonomiċi eżistenti;

5. jenfasizza li l-ekonomija kollaborattiva tidher ukoll li tikkontesta l-mudelli makroekonomiċi klassiċi, b'distinzjoni ċara bejn il-konsumaturi u l-produtturi;

6. jemmen li l-ekonomija kollaborattiva tista' tagħti lok għal identità ekonomika ġdida fejn individwu li ma jridx jaġixxi waħdu, minflok ma jipprova jfittex li jimmassimizza l-interessi materjali tiegħu, jassoċja l-imġiba ekonomika tiegħu ma' impenn lejn il-komunità, jaġixxi fl-arena pubblika – soċjali, ekonomika, politika – u li jpoġġi lilu nnifsu/lilha nnifisha f'relazzjoni ma' oħrajn biex jieħdu ħsieb l-interess ġenerali u komuni (jiġifieri l-hekk imsejħa “mulier activa”) ([2]);

7. jenfasizza l-ħtieġa għal distinzjoni bejn il-forom differenti ta' ekonomija kollaborattiva. Dawn kollha jużaw l-istess mudell soċjali, l-att ta' kondiviżjoni, kollaborazzjoni u kooperazzjoni. Iżda huma differenti ħafna minn xulxin. Hemm lok li jiġu spjegati dawk il-forom ta' ekonomija kollaborattiva li jipperpetwaw b'xi mod l-istess dinamiki soċjali u ekonomiċi bħala mudell ekonomiku li diġà jeżisti u jiġi applikat reġim legali differenti għal kull wieħed minnhom. Il-qasma bejn profitt/mhux bi skop ta' qligħ u t-tip ta' intrapriża jew ta' assoċjazzjoni involuta fi proġetti ta' ekonomija kollaborattiva, kif ukoll l-impatt fuq il-kummerċ transkonfinali, fir-rigward tal-liġi Komunitarja, jistgħu jikkostitwixxu parametri importanti biex tinqata' linja bejn forom differenti ta' ekonomija kollaborattiva u jiġu proposti approċċi regolatorji divrenzjati;

8. jirrimarka li l-ewwel distinzjoni tista' ssir bejn l-ekonomija kollaborattiva fis-sens strett u forom ta' kollaborazzjoni tal-ekonomija kollaborattiva billi l-kollaborazzjoni u l-kooperazzjoni jiġu meqjusa bħala safef miżjuda ta' kondiviżjoni. Fil-fatt, tista' ssir distinzjoni bejn inizjattivi tal-ekonomija kollaborattiva li joħolqu u jistabbilixxu b'mod mhux flessibbli distinzjoni bejn tipoloġiji differenti ta' utenti (konsumaturi-utenti vs. provvedituri-utenti) u inizjattivi tal-ekonomija kollaborattiva li jrawmu approċċ bejn il-pari fejn kull utent jista' jkun fornitur u konsumatur fl-istess ħin, jew anke jkun involut fil-governanza tal-pjattaforma. Barra dan, jista' jitqies il-mudell ta' governanza u kontroll tat-tranżazzjoni ekonomika, b'distinzjoni tal-każijiet fejn il-pjattaforma sservi bħala għodda biex tlaqqa' flimkien individwi (li jikkonkludu l-ftehim b'mod awtonomu) minn dawk li fihom l-intermedjarju jżomm il-kontroll tat-tranżazzjoni ([3]). Aktar kooperazzjoni tista' turi approċċ imsejjes fuq il-komuni lejn l-ekonomija kollaborattiva ([4]). Jekk l-atturi involuti mhux biss jaqsmu riżorsa iżda jikkollaboraw ukoll biex joħolqu, jipproduċu jew jirriġeneraw riżorsa komuni għall-pubbliku usa', il-komunità, huma jkunu qed jikkooperaw, ikunu qed jingħaqdu għall-komuni;

9. iqis li żewġ kategoriji prinċipali u erba' forom ta' ekonomija kollaborattiva jidhru li qegħdin jevolvu:

— ekonomija kollaborattiva fis-sens strett jew ekonomija on-demand:

  — “*ekonomija ta' aċċess*”, għal inizjattivi tal-ekonomija kollaborattiva li l-mudell tan-negozju tagħhom jimplika li l-oġġetti u s-servizzi huma nnegozjati fuq il-bażi ta' aċċess minflok is-sjieda tagħhom. Hija tirreferi għall-kiri tal-affarijiet b'mod temporanju minflok ma dawn jinbiegħu b'mod permanenti;

  — “*ekonomija gig*”, għal inizjattivi tal-ekonomija kollaborattiva bbażati fuq ħidma kontinġenti li titwettaq f'suq diġitali;

([2]) Ara C. Iaione, Economics and law of the commons, 2011 u Poolism, f'dan l-indirizz: www.labgov.it, 28.8.2015.
([3]) G. Smorto, *I contratti della sharing economy [Kuntratti fl-ekonomija kollaborattiva]*, f'*Il Foro Italiano*, 2015, Nru 4, pp. 222-228.
([4]) D. Bollier, *Think like a commoner: a short introduction to the life of the commons*, 2014. S. Foster, *Collective action and the Urban Commons*, 2011; C. Iaione, *The Tragedy of Urban Roads*, 2009.

— Ekonomija ta' ġbir flimkien:

— *"ekonomija kollaborattiva"*, inizjattivi tal-ekonomija kollaborattiva li jrawmu approċċ bejn il-pari u/jew li jinvolvu l-utenti fit-tfassil tal-proċess produttiv jew jittrasformaw lil klijenti f'komunità;

— *"ekonomija ta' akkomunament"* għal inizjattivi tal-ekonomija kollaborattiva li huma kollettivament mizmuma jew ġestiti;

10. jinnota li l-Kummissjoni Ewropea tikkwota studju riċenti ([5]) biex tevalwa l-potenzjal tal-ekonomija kollaborattiva biex iżżid id-dħul globali minn madwar EUR 13-il biljun illum għal EUR 300 biljun sal-2025. Madankollu, skont il-KtR, it-tkabbir tal-ekonomija kollaborattiva għandu jitqies biss parzjalment bħala rivoluzzjoni u/jew konsegwenza tal-kriżi. Għal ċerti aspetti jista' jirrappreżenta wkoll trasformazzjoni bil-maqlub ([6]) jew tranżizzjoni ([7]) ta' xi setturi tal-mudell ekonomiku attwali għal tradizzjonijiet u mudelli ekonomiċi li ilhom jeżistu (pereżempju l-ekonomija kooperattiva, l-ekonomija soċjali, l-ekonomija tas-solidarjetà, l-artiġjanat, l-ekonomija tal-komuni, eċċ.) u anke għal forom antiki ta' skambju ekonomiku (eż. l-ekonomija tat-tpartit), li huma alternattivi għal forom tal-ekonomija tas-suq li huma kapital intensivi;

11. jenfasizza li l-innovazzjoni teknoloġika taqdi rwol ewlieni fl-iżvilupp tal-ekonomija kollaborattiva, li jserrħu fuqha l-parti l-kbira tal-inizjattivi biex jużaw pjattaformi kollaborattivi li permezz tagħhom isiru t-transazzjonijiet/skambji ta' oġġetti u/jew servizzi. Għal din ir-raġuni huwa meħtieġ li jissaħħu l-inizjattivi għall-ġlieda kontra l-qasma diġitali, speċjalment issa li rridu nadottaw suq uniku diġitali;

12. jenfasizza li f'sitwazzjonijiet fejn servizzi ġodda bbażati fuq l-ekonomija kollaborattiva joħolqu effett aggressiv ta' esklużjoni (crowding-out effect) fuq servizzi tradizzjonali, l-awtoritajiet pubbliċi fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali ħafna drabi għandhom responsabilità importanti fil-każi fejn:

— ir-rekwiżiti ta' aċċess għas-suq stabbiliti mill-awtoritajiet pubbliċi kemm f'termini ta' politika fiskali kif ukoll rekwiżiti professjonali ħolqu monopolji jew oligopolji mingħajr ma jkollhom il-kundizzjonijiet ta' falliment tas-suq;

— ma jkunux ġew stabbiliti sistemi ta' monitoraġġ tal-kwalità tas-servizzi pprovduti;

**Prinċipji ta' disinn għal inizjattiva tal-UE dwar l-ekonomija kollaborattiva**

13. l-ekonomija kollaborattiva tista' ttejjeb il-kwalità tal-ħajja, trawwem it-tkabbir (b'mod partikolari fl-ekonomiji lokali) u tnaqqas l-effetti ambjentali. Hija tista' tiġġenera wkoll impjiegi ġodda u ta' kwalità tajba, tnaqqas l-ispejjeż kif ukoll iżżid id-disponibbiltà u l-effiċjenza ta' xi oġġetti u servizzi jew tal-infrastruttura. Madankollu, huwa importanti li s-servizzi offruti permezz tal-ekonomija kollaborattiva ma jwasslux għall-evitar tat-taxxa u l-kompetizzjoni inġusta jew jiksru r-regolamentazzjoni lokali u reġjonali jew il-liġi nazzjonali u Ewropea; L-evalwazzjoni tal-impatti pożittivi u negattivi kollha possibbli u d-definizzjoni tal-objettivi tal-politika pubblika wkoll għandhom ikunu fatturi prinċipali ta' kwalunkwe inizjattiva regolatorja dwar l-ekonomija kollaborattiva;

14. iqis li jrid ikun iggarantit l-aċċess ħieles għas-suq għal parteċipanti ġodda. Il-ġbir tad-data minn pjattaformi/inizjattivi tal-ekonomija kollaborattiva jista' jikkawża "żbilanċi fil-poter ekonomiku". Id-data hija l-materja prima tal-ekonomija kollaborattiva u f'xi każijiet jeħtieġ li kemm jista' jkun tkun sors miftuħ. Xi kultant dan huwa meħtieġ sabiex jitnaqqsu l-ostakli għad-dħul fl-ekonomija kollaborattiva u biex tkun tista' ssir evalwazzjoni tal-effetti ta' inizjattivi jew intrapriżi tal-ekonomija kollaborattiva u biex tiġi ffavorita r-regolazzjoni mmexxija mid-data fil-livelli kollha tal-gvern. Il-pjattaformi tal-ekonomija kollaborattiva għandhom ikunu mistiedna jibnu mekkaniżmi tekniċi fil-pjattaforma sabiex jikkontribwixxu data pubblika, rilevanti, iżda mhux sensittiva jew strateġika lill-awtoritajiet lokali u reġjonali. Fi kwalunkwe każ, l-UE u l-gvernijiet nazzjonali għandhom jappoġġjaw lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-iżvilupp ta' operazzjonijiet ta' ġbir ta' data. Il-protezzjoni tad-data għandha tkun ukoll waħda mill-motivaturi ewlenin u l-"mulier activa" għandha tkun kapaċi tippossjedi d-data tagħha;

([5]) Consumer Intelligence Series: The Sharing Economy. PwC 2015, https://www.pwc.com/us/en/technology/publications/assets/pwc-consumer-intelligence-series-the-sharing-economy.pdf

([6]) K. Polanyi, *The great transformation: The political and economic origins of our time*, 1944.

([7]) M. Bauwens, *A commons transition plan*, disponibbli fuq: http://commonstransition.org/

15. jirrimarka li prekundizzjoni importanti fl-ekonomija kollaborattiva hija l-fiduċja u l-ġestjoni tar-reputazzjoni ([8]). B'hekk il-fiduċja u r-reputazzjoni għandhom jiġu ġestiti b'mod indipendenti u preċiż (eż. ir-regolazzjoni, iċ-ċertifikazzjoni, l-arbitraġġ minn parti terza). Għandha tkompli ssir analiżi dwar jekk l-atturi tal-ekonomija kollaborattiva hux se jkunu jistgħu jwettqu l-awtoregolazzjoni b'mod effettiv ([9]). Reviżjoni bejn il-pari tista' tiżgura l-fiduċja. L-istabbiliment ta' korpi indipendenti li jipprovdu klassifikazzjonijiet, preferibbilment f'koproprjetà bejn il-pari, huwa għażla ta' politika li għandha tirċievi attenzjoni kbira. Il-kopertura assigurattiva trid tiġi evalwata wkoll. Fi kwalunkwe każ il-"portabilità" tad-data u r-reputazzjoni għandhom ikunu wieħed mill-għanijiet ewlenin ta' politika;

16. jenfasizza li r-riżultati ta' evalwazzjonijiet tal-impatt tal-ekonomija kollaborattiva mhux dejjem huma pożittivi f'termini ta' ħarsien ambjentali, koeżjoni soċjali, ugwaljanza u ġustizzja soċjali, użu tajjeb tal-art, jew il-governanza urbana ([10]). Wieħed għandu jikkunsidra wkoll li kumpaniji li jagħmlu profitt kultant jisfruttaw b'mod abbużiv il-pjattaformi tal-Ekonomija Kollaborattiva, u lill-ħaddiema ma jipprovdulhom l-ebda kopertura tas-sigurtà soċjali, b'hekk jiġu affettwati kemm il-benesseri taċ-ċittadini kif ukoll il-baġits nazzjonali, reġjonali u lokali. L-UE u l-awtoritajiet lokali u reġjonali jridu jappoġġjaw u jheġġu biss l-iżvilupp ta' dawk l-inizjattivi jew pjattaformi tal-ekonomija kollaborattiva li jipproduċu impatti pożittivi soċjali, ekonomiċi u ambjentali. Il-bini tal-komunità, il-protezzjoni tal-komuni urbani, l-inklużjoni, in-nondiskriminazzjoni, l-iżvilupp ekonomiku lokali, l-intraprenditorija taż-żgħażagħ, l-għarfien ambjentali u s-solidarjetà bejn il-persuni huma l-għanijiet ta' politika pubblika li għandhom jiġu avvanzati permezz tal-ekonomija kollaborattiva;

17. jemmen li jekk il-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' atturi tal-ekonomija kollaborattiva huma żviluppati fi ħdan l-UE bl-istess mod bħal dawk ta' "impjegat", l-atturi tal-ekonomija kollaborattiva għandhom jirċievu it-trattament xieraq. F'ambjent dejjem aktar "flessibbli" ta' skambju ekonomiku, l-ekonomija kollaborattiva tista' tkun potenzjalment ta' sfrattu għar-relazzjonijiet tax-xogħol. L-effetti tal-ekonomija kollaborattiva fuq is-sigurtà ekonomika personali u l-benesseri soċjali għandhom ikunu miflija bir-reqqa. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, l-imsieħba soċjali u fejn applikabbli l-awtoritajiet lokali u reġjonali, trid tistudja fid-dettall il-kundizzjonijiet tal-impjieg u tax-xogħol tal-ħaddiema fl-ekonomija kollaborattiva, sabiex jiġi verifikat hijiex meħtieġa azzjoni regolatorja f'dan il-qasam. L-ekonomija kollaborattiva tista' twassal għal klassi soċjali ġdida, il-klassi kollaborattiva, li teħtieġ salvagwardji soċjali u ekonomiċi;

18. jenfasizza li kull regola ta' antitrust u tas-suq intern, regolamenti fiskali u tal-ħarsien tal-konsumatur għandhom fil-prinċipju jiġu applikati fl-ekonomija kollaborattiva bl-istess mod bħal dawk fis-setturi ekonomiċi l-oħra kollha. L-inizjattivi tal-ekonomija kollaborattiva m'għandhomx ikunu intitolati li jużaw il-paradigma tal-kondiviżjoni biss biex iħarbtu s-swieq li diġà jeżistu billi jimmiraw lejn strateġija ta' tnaqqis tal-ispejjeż imsejsa fuq l-evitar ta' spejjeż regolatorji applikabbli għal dawk is-servizzi u prodotti simili li ma jiġux ipprovduti permezz ta' pjattaformi. Iqis, madankollu, li r-regolazzjoni ta' swieq li diġà jeżistu għandha tkun soġġetta għal rieżami regolari sabiex tiġi verifikata l-kapaċità tagħha li tagħti spazju għal proċessi ta' innovazzjoni kontinwi. Id-dibattitu dwar l-ekonomija ċirkolari u s-Suq Uniku Diġitali jistgħu jkunu wħud mill-oqsma fejn l-ekonomija kollaborattiva tiġi kkunsidrata. Fl-istess waqt, il-Kummissjoni tal-UE u l-Istati Membri għandhom jiżguraw approċċ koordinat għar-regolamentazzjoni tal-ekonomija kollaborattiva fil-livell Ewropew fejn huwa meħtieġ approċċ Ewropew, sabiex jissaħħaħ is-suq uniku u jippermettu li inizjattivi tal-ekonomija kollaborattiva li jirnexxu jinfirxu faċilment minn fruntiera għal oħra; fil-każijiet l-oħra kollha, ir-regolamentazzjoni għandha tibqa' l-prerogattiva tal-gvernijiet nazzjonali, lokali jew reġjonali skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà;

19. jinnota li l-Kummissjoni Ewropea indirizzat biss b'mod marġinali ħafna l-kwistjoni tal-ekonomija kollaborattiva fl-"Istrateġija għal suq uniku diġitali fl-Ewropa" (COM(2015)192) iżda jilqa' bi pjaċir l-impenn tal-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha dwar "Naġġornaw is-Suq Uniku" biex tiżviluppa aġenda Ewropea għall-ekonomija kollaborattiva jew ta' kondiviżjoni, tagħti gwida dwar kif il-liġi eżistenti – inkluża d-Direttiva tas-Servizzi, id-Direttiva tal-Kummerċ elettroniku u l-liġi tal-konsumatur bħalma huma d-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Żleali, id-Direttiva dwar it-Termini Kuntrattwali Inġusti u d-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur – tapplika għall-ekonomija kollaborattiva u biex tivvaluta l-possibbiltà ta' lakuni regolatorji. Jenfasizza li l-KtR huwa lest li jaqdi rwol attiv fl-iżvilupp ta' din l-aġenda u jissuġġerixxi kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-istituzzjonijiet Ewropej f'dan il-qasam;

([8]) T. Wagner, M. Kuhndt, J. Lagomarsino, H. Mattar, *Listening to Sharing Economy Initiatives*, 2015, Nesta & Collaborative Lab, *Making Sense of the UK Collaborative Economy*, 2014.

([9]) M. Cohen, A. Sundararajan, *Self regulation and innovation in the peer to peer sharing economy*, 2015.

([10]) P. Parigi P,, State B., Dakhlallah D., Corten R., Cook K., *A Community of Strangers: The Dis-Embedding of Social Ties*, 2013; S. Shaheen, *Greenhouse Gas Emission Impacts of Carsharing in North America Final Report*, 2010.

20. josserva li l-każijiet relatati mal-ekonomija kollaborattiva huma segwiti minn madwar għaxar Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea (CNECT, GROW, COMP, JUST, MOVE, TAXUD, EMPL, REGIO, TRADE, eċċ.) u li jeħtieġ li tiġi żgurata koordinazzjoni bejn id-dipartimenti fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea; għaldaqstant jissuġġerixxi lill-Kummissjoni Ewropea biex tistabbilixxi grupp ta' ħidma għal koordinazzjoni bejn id-DĠ involuti fi kwistjonijiet tal-ekonomija kollaborattiva;

21. jilqa' b'sodisfazzjon l-intenzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li, fl-aħħar ta' Settembru 2015, tniedi konsultazzjoni pubblika dwar l-approċċi regolatorji Ewropej li jittrattaw l-ekonomija kollaborattiva;

22. huwa tal-fehma li jinħtieġu approċċi regolatorji settorjali fil-livell Ewropew f'dak li jirrigwarda l-aspett kummerċjali tal-ekonomija kollaborattiva biex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali tal-operaturi kkonċernati u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, partikolarment fil-qasam tat-tassazzjoni;

23. iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex jistabbilixxu inċentivi għall-ekonomija kollaborattiva favur l-appoġġ għall-prinċipji tal-ekonomija soċjali u l-implimentazzjoni tagħhom (b'mod partikolari fir-rigward tal-prinċipji tas-solidarjetà, id-demokrazija u l-parteċipazzjoni, u l-kooperazzjoni mal-komunità lokali);

24. f'dimensjoni lokali u reġjonali, l-inizjattivi tal-ekonomija kollaborattiva, minn barra li jippromovu l-iżvilupp tal-ekonomiji lokali, jistgħu jsiru għodda li tinkoraġġixxi l-promozzjoni, il-kura u r-riġenerazzjoni tal-hekk imsejħa beni komuni, bħalma huma l-mobbiltà, il-benesseri, il-pajsaġġ urban u l-ambjent. Minn din il-perspettiva, ir-rwol tal-amministrazzjonijiet pubbliċi għandu jkun li jappoġġjaw il-konsolidament ta' "ekosistema istituzzjonali kollaborattiva" ([11]). F'dan il-kuntest, il-kompitu tal-awtoritajiet lokali għandu jkun li jiffaċilitaw u jikkoordinaw l-inizjattivi varji tal-ekonomija kollaborattiva, filwaqt li jisfruttaw dawk l-inizjattivi li jsaħħu l-proċessi ta' parteċipazzjoni u kooperazzjoni ma' dawk meqjusa bħala il-"mulier activa", dawk li juru li huma inklużivi, kemm fl-istadju tal-ippjanar kif ukoll fil-ġestjoni u l-forniment tas-servizz, u dawk li jirrispettaw il-prinċipji tat-trasparenza, tal-ftuħ u tar-responsabbiltà;

25. huwa jqis bħala importanti wkoll li jiġu mmonitorjati l-oqsma li fihom qed tiżviluppa l-Ekonomija Kollaborattiva u kif din tinfluwenza l-indikaturi makroekonomiċi, b'tali mod li din ma tinbidilx f'sistema għall-ottimizzazzjoni tat-taxxa;

**Għal aġenda tal-ekonomija kollaborattiva**

26. iqis li kwalunkwe inizjattiva regolatorja stretta għandha żżomm approċċ settorjali u tqis l-iskala tal-inizjattiva tal-ekonomija kollaborattiva bħala kriterju biex jiġu mfassla linji regolatorji. L-istituzzjonijiet u l-leġislazzjoni tal-UE għandhom jipprovdu qafas sod, gwida istituzzjonali u legali u aċċess kostanti għal għarfien espert u għajnuna oħra adatta għall-implimentazzjoni;

27. madankollu, jistieden lill-istituzzjonijiet kollha tal-UE li jittrattaw il-kwistjoni tal-ekonomija kollaborattiva biex jadottaw approċċ olistiku fl-indirizzar tal-ekonomija kollaborattiva bħala fenomenu ekonomiku, politiku u soċjali u biex jikkoordinaw l-isforzi tagħhom, minħabba li l-ekonomija kollaborattiva tista' tikkawża tibdil serju fis-sistemi ekonomiċi attwali, permezz ta' politika pubblika komprensiva, billi titfassal aġenda ta' politika pubblika tal-ekonomija kollaborattiva mibnija b'mod kollaborattiv;

28. jirrakkomanda li aġenda tal-UE dwar l-ekonomija kollaborattiva tkun ibbażata fuq il-pilastri li ġejjin:

— id-definizzjoni ta' protokoll metodoloġiku msejjes ukoll fuq metodoloġija ta' valutazzjoni ex-ante tal-impatt territorjali u urban u żviluppat bil-kooperazzjoni mill-qrib mal-livelli kollha ta' gvern bil-kooperazzjoni ta' komunità ta' dawk li jfasslu l-politika, akkademiċi, prattikanti, esperti, intrapriżi, inizjattivi u pjattaformi tal-ekonomija kollaborattiva, għall-promozzjoni tat-tranżizzjoni lejn bliet kollaborattivi u ta' kondiviżjoni;

— il-promozzjoni, b'rispett għall-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, ta' kondizzjonijiet ekwivalenti fil-livell Ewropew, filwaqt li titħalla biżżejjed flessibilità għal soluzzjonijiet lokali, kif ukoll l-inkoraġġiment għal proġetti pilota u l-ħolqien ta' netwerks ta' bliet u reġjuni li għandhom l-aħjar prattiki fil-qasam tal-ekonomija kollaborattiva, bħall-Inizjattiva ta' Start-up tal-ekonomija kollaborattiva ([12]);

([11]) Ara r-Regolament dwar il-kollaborazzjoni bejn iċ-ċittadini u l-belt għall-kura u r-riġenerazzjoni tal-beni komuni urbani ta' Bolonja, u aktar reċentement, id-dokument "Sharexpo, linee guida per la sharing economy e i servizi collaborativi a Milano" (Sharexpo, linji gwida għas-servizzi kollha kollaborattivi u tal-ekonomija kollaborattiva f'Milan).

([12]) Għandha l-appoġġ ta' approprjazzjoni ta' EUR 2 500 000, approvata mill-Parlament Ewropew fil-qari tiegħu tal-Baġit Ġenerali tal-2016 tal-UE fit- 28 ta' Ottubru 2015.

— it-trawwim tal-iżvilupp ta' programmi edukattivi u ta' kampanji ta' komunikazzjoni (pereżempju, Sharitaly) biex ikun hemm sensibilizzazzjoni dwar il-potenzjal u r-riskji tal-ekonomija kollaborattiva;

— l-iżvilupp ta' definizzjoni ta' kriterji ċari u komuni għal sistema ta' kwalifiki bbażati fil-komunità u l-istabbiliment ta' sett ta' indikaturi għall-monitoraġġ u l-kejl tal-impatt ta'inizjattivi u prattiki tal-ekonomija kollaborattiva;

— tkun infurzata b'mod effettiv sabiex tiġi miġġielda l-evażjoni tat-taxxa u tiġi żgurata l-protezzjoni tal-konsumatur, l-għoti ta' liċenzji u r-rispett tar-regolamenti tas-saħħa u s-sigurtà;

— tkun aġġornata u mmonitorjata regolarment biex jiġu evitati piżijiet żejda u jiġu żgurati sostenibbiltà u effiċjenza kontinwi f'ambjent li qed jinbidel b'pass mgħaġġel;

29. iqis li ħafna mis-setturi milquta mill-ekonomija kollaborattiva jkollhom impatt xi kultant ta' xkiel fil-livell lokali u reġjonali, u għalhekk għandu jkun possibbli għalihom li jiġu mmexxija jew irregolati mill-awtoritajiet lokali u reġjonali f'konformità mal-prinċipju ta' awtonomija lokali sabiex l-awtoritajiet lokali u reġjonali jadattaw l-inizjattivi u l-intrapriżi tal-ekonomija kollaborattiva għall-kundizzjonijiet lokali;

30. jinsisti li inizjattiva regolatorja dwar l-ekonomija kollaborattiva m'għandhiex tkun separata minn viżjoni ta' governanza urbana u lokali ([13]), kif ukoll miż-żoni rurali. L-esperimenti ta' governanza kollaborattiva u poliċentrika li qed isiru f'diversi bliet Ewropej jidhru li huma l-aktar approċċ adattat biex jakkumpanjaw u jrawmu l-iżvilupp sod u ġust ta' tali inizjattivi tal-ekonomija kollaborattiva. Approċċ ta' governanza kollaborattiva/poliċentrika għall-ekonomija kollaborattiva jippermetti li gruppi ta' ċittadini, assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet tat-tielet settur, trejdjunjins, istituzzjonijiet tal-għarfien, negozji soċjali u start-ups jagħmlu użu mill-ispazji u l-beni miftuħa, battala, abbandunati u pubbliċi għad-dispożizzjoni tagħhom, billi jieħdu spunt minn xi inizjattivi tal-awtoritajiet lokali u reġjonali (pereżempju, ir-Regolament ta' Bolonja dwar kollaborazzjoni b'rabta mal-beni komuni urbani ([14])).

Brussell, l-4 ta' Diċembru 2015.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni*

Markku MARKKULA

([13]) S. Foster, C. Iaione, *The City as a Commons*, 2015.

([14]) Għal aktar eżempji ara l-proġett "Sharing cities" immexxi minn Neal Gorenflo ta' Shareable u l-għodod Sharitories imfassla mill-Komunità Ouishare.